II-Polonja	Divasa - Farmavic S.A. Ctra. Sant Hipolit, Km 71, PO Box 79, 08503 Gurb-Vic, Barcelona, Spanja	Coliplus 2,000,000 IU/ml Concentrate for Oral Solution for use in drinking water for Cattle, Sheep, Swine and Chickens	Colistin sulphate	2 000 000 IU/ml	Konċentrat għal soluzzjoni orali għall-użu fl-ilma tax-xorb	Frat (għoġġiela), nagħaġ (ħrief), ħnieżer u tiġieġ
II-Polonja	KRKA, d.d. Novo mesto, Smarjeska cesta 6, 8501 Novo Mesto Is-Slovenja	Giraxa 50 mg/g	Colistin sulphate	50 mg/g	Trab għal soluzzjoni orali	Frat (għoġġiela), ħnieżer, tiġieġ
II-Polonja	Laboratorios Calier S.A. C/Barcelones, 26 (Pla del Ramassa); Les Franqueses del Valles 08520 Barcelona, Spanja	Colistina Kern	Colistin sulphate	40 mg/g	Taħlita lesta għal għalf medikat	ħnieżer, tiġieġ (tiġieġ, brojlers), fniek
II-Polonja	MEDIVET S.A. ul. Szkolna 17 63-100 Śrem II-Polonja	COLISTIMED 4800	Colistin sulphate	4 800 000 IU/g	Trab orali	Frat (għoġġiela), ħnieżer u tiġieġ

Stat Membru UE/ŻEE	Applikant/Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-Suq	Isem tal-Prodott	INN	Qawwa	Għamla farmaċewtika	Speċijiet tal-annimali
II-Polonja	ScanVet II-Polonja Sp. z o.o. Skiereszewo, ul. Kiszkowska 9 62-200 Gniezno II-Polonja	Colisol 2400	Colistin sulphate	2 400 000 IU/g	Trab biex jingħata fl-ilma tax-xorb	Ħnieżer, tiġieġ, dundjani
II-Polonja	V.M.D. n.v./s.a. Hoge Mauw 900 2370 Arendonk II-Belġju	PROMYCINE PULVIS 4800	Colistin sulphate	4 800 000 IU/g	Trab biex jingħata fl-ilma tax-xorb	Frat (għoġġiela), ħnieżer (qżieqeż)
II-Polonja	V.M.D. n.v./s.a. Hoge Mauw 900 2370 Arendonk II-Belġju	Promycine 200 I.U./mg	Colistin	200 IU/mg	Taħlita lesta għal għalf medikat	Ħnieżer u tiġieġ
II-Polonja	V.M.D. n.v./s.a. Hoge Mauw 900 2370 Arendonk II-Belġju	Promycine 400 I.U./mg	Colistin	400 IU/mg	Taħlita lesta għal għalf medikat	Ħnieżer
II-Polonja	AniMedica España, S.L.U. Esmeralda, 19 Esplugues de Llobregat Barcelona Spanja	Colfive 5 000 000 IU/ ml concentrate for oral solution	Colistin sulphate	5 000 000 IU/ml	Konċentrat għal soluzzjoni orali	Frat (għoġġiela), ħnieżer, nagħaġ (ħrief) u tjur
II-Polonja	Bela-Pharm GmbH & Co.KG Lohner Straße 19, D-49377 Vechta II-Ġermanja	Belacol 24% liquid	Colistin sulphate	240 mg/ml	Soluzzjoni orali	Għoġġiela, ħnieżer, tiġieġ
II-Polonja	Biofaktor Sp. z o.o. ul. Czysa 4 96-100 Skierniewice II-Polonja	Colimed 1200 WSP	Colistin sulphate	1 200 000 IU/g	Trab biex jingħata fl-ilma tax-xorb	Frat, ħnieżer, tiġieġ, dundjani

Stat Membru UE/ŻEE	Applikant/Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-Suq	Isem tal-Prodott	INN	Qawwa	Għamla farmaċewtika	Speċijiet tal-annimali
II-Polonja	Laboratorios Calier S.A. Barcelonès, 26 (Pla del Ramassà) Les Franqueses del Vallès Barcelona, Spanja	Aquacoli 2000000 i.m./ ml, concentrate for oral solution for use in drinking water	Colistin sulphate	2 000 000 IU/ml	Soluzzjoni għall- użu fl-ilma tax- xorb	Frat (għoġġiela), nagħaġ (ħrief), ħnieżer u tiġieġ
II-Polonja	PFO „Vetos-Farma“ Sp. z o.o. ul. Dzierżoniowska 21 58-260 Bielawa II-Polonja	KOLISITN 100	Colistin sulphate	100 g/100 g	Trab biex jingħata fl-ilma tax-xorb	Għoġġiela, ħnieżer, tiġieġ
II-Polonja	PFO „Vetos-Farma“ Sp. z o.o. ul. Dzierżoniowska 21 58-260 Bielawa II-Polonja	KOLISITN 50	Colistin sulphate	50 g/100 g	Trab biex jingħata fl-ilma tax-xorb	Għoġġiela, ħnieżer, tiġieġ
II-Polonja	PFO „Vetos-Farma“ Sp. z o.o. ul. Dzierżoniowska 21 58-260 Bielawa II-Polonja	KOLISITN 10	Colistin sulphate	10 g/100 g	Trab biex jingħata fl-ilma tax-xorb	Għoġġiela, ħnieżer, tiġieġ
II-Polonja	SOGEVAL 200 Avenue De Mayenne Zi Des Touches 53000 – Laval Franza	Colistin 2MIU/mL oral solution for calves, lambs, pigs and poultry	Colistin sulphate	2 000 000 IU	Konċentrat għal soluzzjoni orali	Għoġġiela, ħrief, ħnieżer, tjur

Stat Membru UE/ŻEE	Applikant/Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-Suq	Isem tal-Prodott	INN	Qawwa	Għamla farmaċewtika	Speċijiet tal-animali
II-Portugall	ANDERSEN, S.A. Avda. La Llana 123 Polígono Industrial "La Llana" 08191 RUBÍ Barcelona (Espanha) Spanja	Nipoxyme 200 mg/g suspensão oral	Colistin	200 mg/g	Sospensjoni orali	Ħnieżer (wara l-ftim, ħnieżer tas-simna)
II-Portugall	ANDERSEN, S.A. Avda. La Llana 123 Polígono Industrial "La Llana" 08191 RUBÍ Barcelona (Espanha) Spanja	Nipoxyme1000 mg/g pó oral	Colistin sulphate	1 000 mg (equivalent to 860 mg of colistin base)	Trab orali	Ħnieżer
II-Portugall	CALIER IL-PORTUGALL S.A Centro Empresarial Sintra-Estoril II, Ed. C, R. Pé do Mouro, Estrada de Albarraque 2710-335 Sintra II-Portugall	AQUACOLI 2 000 000 UI/ml, Solução oral para administração na água de bebida ou leite	Colistin sulphate	2 M IU	Soluzzjoni orali	Frat (għoġġiela), nagħaġ (ħrief), ħnieżer u tjur
II-Portugall	CALIER IL-PORTUGALL S.A Centro Empresarial Sintra-Estoril II, Ed. C, R. Pé do Mouro, Estrada de Albarraque 2710-335 Sintra II-Portugall	COLIKERN 500 mg/g pré-mistura medicamentosa para alimento medicamentoso para suínos	Colistin sulphate	500 mg (equivalent to 15 million IU)	Taħlita lesta għal għalf medikat	Ħnieżer

Stat Membru UE/ŻEE	Applikant/Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-Suq	Isem tal-Prodott	INN	Qawwa	Għamla farmaċewtika	Speċijiet tal-annimali
II-Portugall	CALIER IL-PORTUGALL S.A Centro Empresarial Sintra-Estoril II, Ed. C, R. Pé do Mouro, Estrada de Albarraque 2710-335 Sintra II-Portugall	COLIKERN 4% pré-mistura medicamentosa para alimento medicamentoso	Colistin	40 mg	Taħlita medikata lesta minn qabel	Ħnieżer, tjur u fniek
II-Portugall	CEVA Saúde Animal - Produtos Farmacêuticos e Imunológicos, Lda Rua Doutor António Loureiro Borges, 9/9A- 9ªA Miraflores, 1495-131 ALGÉS II-Portugall	COLIVET 2 000 000 UI /ml, concentrado para solução oral para suínos e aves	Colistin	2 000 000 IU	Konċentrat għal soluzzjoni orali	Ħnieżer u tjur
II-Portugall	DIVASA - FARMAVIC, S.A. Ctra. Sant Hipòlit, km 71 08503 GURB - VIC Barcelona (Espanha) Spanja	Coliplus 2.000.000 UI/ml Concentrado para Solução Oral para uso na água da bebida em Bovinos, Ovinos, Suínos, Aves (Galinhas Poedeiras, Galinhas Reprodutoras e Frangos)	Colistin	2 M IU (equivalent to 83.33 mg)	Konċentrat għal soluzzjoni orali għall-użu fl-ilma tax-xorb	Frat (għoġġiela), nagħaġ (ħrief), ħnieżer u tiġieġ
II-Portugall	QALIAN 34 Rue Jean Monnet Zi D'etriche 49500 Segre Franza	COLISTINA 40 pré-mistura medicamentosa para alimento medicamentoso	Colistin	40 mg	Taħlita medikata lesta minn qabel	Ħnieżer
II-Portugall	QALIAN 34 Rue Jean Monnet Zi D'etriche 49500 Segre Franza	DRYMIX ESPECIAL N°9 pré- mistura medicamentosa para alimento medicamentoso	Colistin	30 g	Taħlita medikata lesta minn qabel	Majjali, tjur, bovini

Stat Membru UE/ŻEE	Applikant/Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-Suq	Isem tal-Prodott	INN	Qawwa	Għamla farmaċewtika	Speċijiet tal-animali
Il-Portugall	Tecadi Lda. Rua Cidade de santarém Żona Industrial Várzea, 2005-002 Santarém Il-Portugall	NIPOXYME 40 pré-mistura medicamentosa para alimento medicamentoso	Colistin	40 mg	Taħlita medikata lesta minn qabel	Ħnieżer, tjur u fniek
Il-Portugall	ZOOPAN Produtos Pecuários S.A. Rua da Liberdade, n° 77 2050-023 Aveiras de Baixo Il-Portugall	Coliscid pré-mistura medicamentosa para alimento medicamentoso	Colistin	720 M IU/g	Taħlita medikata lesta minn qabel	Ħnieżer u tjur
Ir-Rumanija	CEVA SANTE ANIMALE 10 avenue de la Ballastiere, 33500 Libourne, Franza	Colivet	Colistin sulphate	1 200 000 IU/g	Trab orali	Frat, fniek, tjur (tiġieġ tal-bajd, dundjani), ħnieżer
Ir-Rumanija	DELOS IMPEX' 96 SRL Str. Horia, Cloşca şi Crişan, nr. 81, Otopeni, Jud. Ilfov, Ir-Rumanija	Colidem	Colistin sulphate	200 mg/ml	Soluzzjoni orali	Ħnieżer, tjur
Ir-Rumanija	KRKA, d. d. Novo mesto Smarjeska Cesta 6 8501 Novo Mesto Is-Slovenja	Giraxa 50 mg/ml	Colistin sulphate	50 mg/g	Trab għal soluzzjoni orali	Għoġġiela, ħnieżer, tiġieġ
Ir-Rumanija	LAVET PHARMACEUTICALS LTD. H-1161 Budapest, Otto u.14 L-Ungerija	Coliprim 2400 pulvis	Colistin sulphate	120 mg/g (2 400 000 IU/g)	Trab li jinħall fl- ilma	Ħnieżer, tjur (tiġieġ, dundjani)

Stat Membru UE/ŻEE	Applikant/Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-Suq	Isem tal-Prodott	INN	Qawwa	Għamla farmaċewtika	Speċijiet tal-animals
Ir-Rumanija	PASTEUR - Filiala Filipesti SRL Str. Principala nr. 944, Filipestii de Padure , Jud. Prahova, Ir-Rumanija	Avicovit	Colistin sulphate, Vitamin A, D3, E, B1, B6	2 500 000 IU/100 ml	Soluzzjoni orali	Tjur (tiġieġ, dundjani)
Ir-Rumanija	PASTEUR - Filiala Filipesti SRL Str. Principala nr. 944, Filipestii de Padure , Jud. Prahova, Ir-Rumanija	Colistin sulfat 50%	Colistin sulphate, Vitamin A, D3, E, B1, B6	0,5 g colistin sulphate (10 000 000 IU/g)	Trab li jinħall fl-ilma	Għoġġiela, ħrief, gidien, fniek, tjur, qżieqż
Ir-Rumanija	Prodivet Pharmaceuticals SA Hagbenden 39c B-4731 Eynatten II-Belġju	Colivet pig pump	Colistin sulphate	8 mg/ml	Sospensjoni orali	Qżieqż
Ir-Rumanija	S.C. CRIDA PHARM S.R.L. 2 Intrarea Vagonetului, Bl. 101,Ap. 47, sector 6, Bucharest, Ir-Rumanija	Colicrid 10%	Colistin sulphate	100 mg/ml	Soluzzjoni orali	Ħnieżer, brojlers
Ir-Rumanija	S.C. CRIDA PHARM S.R.L. 2 Intrarea Vagonetului, Bl. 101,Ap. 47, sector 6, Bucharest, Ir-Rumanija	Colicrid 50% pulv.	Colistin sulphate	50 g/100 g	Trab	Ħnieżer, brojlers
Ir-Rumanija	VMD N.V. Hoge Mauw 900, B-2370 Arendonk, II-Belġju	Promycine 4.800IU/mg	Colistin sulphate	4 800 IU/mg	Trab orali	Għoġġiela, qżieqż

Stat Membru UE/ŻEE	Applikant/Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-Suq	Isem tal-Prodott	INN	Qawwa	Għamla farmaċewtika	Speċijiet tal-animali
Ir-Rumanija	CEVA SANTE ANIMALE IR-RUMANIJA SRL 5 Chindiei , sector 4, Bucharest Ir-Rumanija	Colivet premix	Colistin sulphate	12 g/100 g	Taħlita lesta għal għalf medikat	Tjur (tiġieġ, tiġieġ tal-bajd, dundjani), ħnieżer
Ir-Rumanija	DELOS IMPEX' 96 SRL Str. Horia, Cloşca și Crişan, nr. 81, Otopeni, Jud. Ilfov, Ir-Rumanija	Colistin 10% premix	Colistin sulphate	10 g/100 g	Trab	Ħnieżer, tjur
Ir-Rumanija	DOPHARMA B.V. Zalmweg 24,P.O. BOX 205, 4940 AE Raamsdonksveer II-Pajjiżi I-Baxxi	Drinkmix colistin	Colistin sulphate	5 000 000 IU/g	Trab solubbli	Għoġġiela, ħnieżer, tjur
Ir-Rumanija	S.C. ROMVAC COMPANY S.A. Şos. Centurii, nr. 7, Voluntari, Ir-Rumanija	Colistirom	Colistin sulphate	150 000 000 IU/100 g	Trab li jinħall fl-ilma	Għoġġiela, qżieqeż, ħrief, fniek, tjur
Ir-Rumanija	ANDERSEN S.A. Avda. de la Llana 123 08191 Rubi Spanja	Nipoxyme 200 mg/g	Colistin sulphate	200 mg/g	Sospensjoni orali	Ħnieżer
Ir-Rumanija	ANDERSEN S.A. Avda. de la Llana 123 08191 Rubi Spanja	Nipoxyme 1000 mg/g	Colistin sulphate	1000 mg/g	Trab orali	Ħnieżer
Ir-Rumanija	ANDERSEN S.A. Avda. de la Llana 123 08191 Rubi Spanja	Nipoxyme soluble 100	Colistin sulphate	3 000 000 IU/g (100 mg)	Trab li jinħall fl-ilma	Għoġġiela, ħnieżer, tjur (tiġieġ u tiġieġ tal-bajd)

Stat Membru UE/ŻEE	Applikant/Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-Suq	Isem tal-Prodott	INN	Qawwa	Għamla farmaċewtika	Speċijiet tal-animals
Is-Slovakkja	Ceva Animal Health Slovakia, spol. s r.o. Račianska 77, 831 02 Bratislava, Ir-Repubblika Slovakka	COLIVET perorálny roztok	Colistin (as colistin sulphate)	2 000 000 IU/ml	Soluzzjoni orali	Ħniežer, tjur domestiċi
Is-Slovakkja	Ceva Animal Health Slovakia, spol. s r.o. Račianska 77, 831 02 Bratislava, Ir-Repubblika Slovakka	COLIVET vodorozpustný prášok	Colistin (as colistin sulphate)	1 200 000 IU/g	Trab għal soluzzjoni orali	Għoġġiela, qżieqeż u dawk li qed jinfatmu, tjur domestiċi - brojlers
Is-Slovakkja	Divasa - Farmavic S.A. Ctra. Sant Hipolit, km 71, 08503 GURB VIC, Barcelona, Spanja	COLIPLUS 2 000 000 IU/ml konċentrat na perorálny roztok na použitie v pitnej vode pre hovädzí dobytok, ovce, ošípané a kurčatá	Colistin (as sulphate)	2 000 000 IU/ml (equivalent to 83.33 mg)	Soluzzjoni orali (Konċentrat għal soluzzjoni orali għall-użu fl-ilma tax-xorb)	Frat (għoġġiela), nagħaġ (ħrief), ħnieżer u tiġieġ
Is-Slovakkja	Pharmagal s.r.o. Murgašova 5, 949 01 Nitra, Ir-Repubblika Slovakka	KOLIFARM 1,2 mil. IU/g prášok na perorálny roztok	Colistin sulphate	1 200 000 IU/g	Trab għal soluzzjoni orali	Ħnieżer, għoġġiela, tjur (tjur domestiċi, dundjani)
Is-Slovakkja	Pharmagal s.r.o. Murgašova 5, 949 01 Nitra, Ir-Repubblika Slovakka	KOLIFARM 1,2 mil IU/g premix na medikáciu krmiva	Colistin sulphate	1 200 000 IU/g	Taħlita lesta għal għalf medikat	Ħnieżer, tjur domestiċi, dundjani
Is-Slovakkja	Tekro spol. s.r.o. Višňová 2/484, 140 00 Prague, Ir-Repubblika Ċeka	MEDITEK COLIS plv.sol. ad us.vet.	Colistin sulphate	1 200 000 IU/g	Trab orali	Ħniežer, brojlers
Is-Slovenja	Krka, d. d., Novo mesto, Šmarješka cesta 6, 8501 Novo mesto, Is-Slovenja	Giraxa 50 mg/g prašek za peroralno raztopino za teleta, pujske in piščance	Colistin	50 mg/g	Trab għal soluzzjoni orali	Għoġġiela, qżieqez, tigieg

Stat Membru UE/ŻEE	Applikant/Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-Suq	Isem tal-Prodott	INN	Qawwa	Għamla farmaċewtika	Speċijiet tal-annimali
Is-Slovenja	aniMedica España, S.L.U. Esmeralda, 19 E-08950 Esplugues de Llobregat (Barcelona) Spanja	Colfive konċentrat za peroralno raztopino	Colistin (as sulphate)	5 000 000 IU/ml	Konċentrat għal soluzzjoni orali	Frat (għoġġiela), ħnieżer, nagħaġ (ħrief) u tjur
Spanja	ANDERSEN, S.A. Avda. de la Llana 123 P. I. La Llana 08191 Rubi Spanja	NIPOXYME 40	Colistin sulphate	40 mg/g	Taħlita lesta għal għalf medikat	Ħnieżer, fniek
Spanja	ANDERSEN, S.A. Avda. de la Llana 123 P. I. La Llana 08191 Rubi Spanja	NIPOXYME 100	Colistin sulphate	100 g/kg	Taħlita lesta għal għalf medikat	Ħnieżer, fniek
Spanja	ANDERSEN, S.A. Avda. de la Llana 123 P. I. La Llana 08191 Rubi Spanja	NIPOXYME SOLUBLE 100	Colistin sulphate	3 000 000 IU/g	Trab orali biex jingħata fl-ilma tax-xorb	Għoġġiela, ħnieżer, tjur
Spanja	ANDERSEN, S.A. Avda. de la Llana 123 P. I. La Llana 08191 Rubi Spanja	NIPOXYME POLVO ORAL 1000 MG/G	Colistin sulphate	1000 mg/g	Trab orali biex jingħata fl-ilma tax-xorb	Ħnieżer
Spanja	ANDERSEN, S.A. Avda. de la Llana 123 P. I. La Llana 08191 Rubi Spanja	NIPOXYME ORAL SUSPENSION 200 mg/g	Colistin sulphate	200 mg/g	Sospensjoni orali biex tingħata fl-ilma tax-xorb	Ħnieżer

Stat Membru UE/ŻEE	Applikant/Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-Suq	Isem tal-Prodott	INN	Qawwa	Għamla farmaċewtika	Speċijiet tal-animali
Spanja	ANDRES PINTALUBA, S.A. Pol.Industrial Agro-Reus C/ Prudenci Bertrana 5 43206 Reus Spanja	COLIPREMIX 40	Colistin sulphate	40 mg/g (1.2*10 ⁶ IU/g)	Taħlita lesta għal għalf medikat	Ħnieżer, tjur
Spanja	ANDRES PINTALUBA, S.A. Pol.Industrial Agro-Reus C/ Prudenci Bertrana 5 43206 Reus Spanja	APSAMIX COLISTINA 40 MG/G	Colistin sulphate	40 mg/g (1.2*10 ⁶ IU/g)	Taħlita lesta għal għalf medikat	Ħnieżer
Spanja	ANDRES PINTALUBA, S.A. Pol.Industrial Agro-Reus C/ Prudenci Bertrana 5 43206 Reus Spanja	COLIMIX 40 mg/g	Colistin sulphate	40 mg/g (equivalent to 1 200 000 IU)	Taħlita lesta għal għalf medikat	Ħnieżer, fniek
Spanja	ANDRES PINTALUBA, S.A. Pol.Industrial Agro-Reus C/ Prudenci Bertrana 5 43206 Reus Spanja	APASOLCOLISTINA 100 mg/g	Colistin sulphate	100 mg/g (equivalent to 3 000 000 IU)	Trab orali biex jingħata fl-ilma tax-xorb	Ħnieżer
Spanja	ANDRES PINTALUBA, S.A. Pol.Industrial Agro-Reus C/ Prudenci Bertrana 5 43206 Reus Spanja	APASOL COLISTINA 1000 mg/g	Colistin sulphate	1000 mg/g	Trab orali biex jingħata fl-ilma tax-xorb	Ħnieżer
Spanja	ANDRES PINTALUBA, S.A. Pol.Industrial Agro-Reus C/ Prudenci Bertrana 5 43206 Reus Spanja	COLIMIX 100 mg/g	Colistin sulphate	100 mg/g (equivalent to 3 000 000 IU)	Taħlita lesta għal għalf medikat	Ħnieżer, fniek

Stat Membru UE/ŻEE	Applikant/Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-Suq	Isem tal-Prodott	INN	Qawwa	Għamla farmaċewtika	Speċijiet tal-annimali
Spanja	CEVA SALUD ANIMAL, S.A. Carabela La Niña n° 12 5 ^a planta 08017 Barcelona, Spanja	COLIVET 2,000,000 UI/ML	Colistin sulphate	2 000 000 UI/ml	Konċentrat għal soluzzjoni orali	Ħnieżer, tjur
Spanja	CEVA SALUD ANIMAL, S.A. Carabela La Niña n° 12 5 ^a planta 08017 Barcelona Spanja	COLIVET 5,000,000 UI/G POLVO PARA ADMINISTRACIÓN EN AGUA DE BEBIDA PARA CERDOS, AVES Y TERNEROS	Colistin sulphate	5 000 000 IU/g	Trab orali biex jingħata fl-ilma tax-xorb	Għoġġiela, ħnieżer, brojlers u tiġieġ tal-bajd
Spanja	Divasa-Farmavic, S.A. Ctra. Sant Hipolit, km. 71 08503 Gurb – Vic Spanja	COLIPLUS SOLUCION	Colistin sulphate	2 000 000 IU/ml	Soluzzjoni orali biex tingħata fl-ilma tax-xorb	Ħnieżer, brojlers
Spanja	Divasa-Farmavic, S.A. Ctra. Sant Hipolit, km. 71 08503 Gurb – Vic Spanja	COLISTINA DIVASA 2,000,000 UI/ml	Colistin sulphate	2 M IU/ml (equivalent to 83.33 mg)	Soluzzjoni orali (direttament f'halq l-annimal, mal-ilma tax-xorb)	Għoġġiela, ħrief, ħnieżer, tjur
Spanja	INDUSTRIAL VETERINARIA S.A. Esmeralda, 19 - 4° 08950 Esplugues De Llobregat Spanja	ACOLAN	Colistin sulphate	39 mg/g	Trab orali biex jingħata fl-ilma tax-xorb	Ħnieżer
Spanja	JAER, S.A. C/ Barcelona 411 Sant Vicents dels Horts 08620 Barcelona Spanja	COTRISUL COLISTINA	Colistin sulphate	2 M IU/ml	Soluzzjoni orali biex tingħata fl-ilma tax-xorb	Għoġġiela, ħrief, ħnieżer, tjur (ħlief brojlers)

Stat Membru UE/ŻEE	Applikant/Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-Suq	Isem tal-Prodott	INN	Qawwa	Għamla farmaċewtika	Speċijiet tal-animali
Spanja	LABORATORIO MAYMO, S.A. Via Augusta, 302 08017 Barcelona Spanja	COLIMAY	Colistin sulphate	400 000 IU/g (19.13 mg/g)	Trab orali biex jingħata fl-ilma tax-xorb jew mal-għalf	Għoġġiela, ħnieżer
Spanja	LABORATORIO MAYMO, S.A. Via Augusta, 302 08017 Barcelona Spanja	COLISOL	Colistin sulphate	2 000 000 IU/g (95.65 mg/g)	Trab orali biex jingħata fl-ilma tax-xorb jew mal-għalf	Għoġġiela, ħnieżer, tjur
Spanja	LABORATORIOS CALIER, S.A. Barcelonés, 26 08520 Les Franqueses del Valles Spanja	GANAMIX COLISTINA 4 % PREMEZCLA	Colistin sulphate	40 g/kg (119 480 000 IU/kg)	Taħlita lesta għal għalf medikat	Ħnieżer, tjur, fniek
Spanja	LABORATORIOS CALIER, S.A. Barcelonés, 26 08520 Les Franqueses del Valles Spanja	AQUACOLI 2M UI SOLUTION FOR USE IN DRINKING WATER	Colistin sulphate	2 M IU/ml	Soluzzjoni orali biex tingħata fl-ilma tax-xorb	Għoġġiela, ħrief, ħnieżer, tjur
Spanja	LAMONS, S.A. P.I. MECANOVA Naves 27-28 25190 Lerida Spanja	COLIONE LAMONS	Colistin sulphate	100 mg/ml	Soluzzjoni orali biex tingħata fl-ilma tax-xorb	Ħnieżer
Spanja	NUTRAL, S.A. Cobalto, 261/263 28770 Colmenar Viejo Spanja	COLITRAX 4 %	Colistin sulphate	40 mg/g (1.2*10 ⁶ IU/g)	Taħlita lesta għal għalf medikat	Ħnieżer

Stat Membru UE/ŻEE	Applikant/Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-Suq	Isem tal-Prodott	INN	Qawwa	Għamla farmaċewtika	Speċijiet tal-animali
Spanja	POLICHEM SLU Pol. Industrial Agro-Reus C/ Prudenci Bertrana 5 43206 Reus Spanja	COLISTINA POLICHEM 100 mg/g	Colistin sulphate	100 mg/g (equivalent to 3 000 000 IU)	Trab orali biex jingħata fl-ilma tax-xorb	Ħnieżer
Spanja	S.P. VETERINARIA, S.A. Ctra. Reus-Vinyols, Km.4,1 43330 Riudoms Spanja	COLIMCINA	Colistin sulphate	205 M IU/100 g	Trab orali biex jingħata fl-ilma tax-xorb jew mal-għalf	Għoġġiela, ħnieżer, tjur
Spanja	SUPER 'S DIANA, S.L Ctra. Barcelona - Ripoll, Km 17 08150 Parets del Valles Spanja	COLISTOP POLVO	Colistin sulphate	50 M IU/100 g	Trab orali biex jingħata fl-ilma tax-xorb	Għoġġiela, ħnieżer
Spanja	ANDRES PINTALUBA, S.A. Pol. Industrial Agro-Reus Prudenci Bertrana 5 43206 Reus Spanja	APSASOL COLISTINA 3.000.000 UI/ml	Colistin sulphate	100 mg/ml (equivalent to 3 000 000 IU/ml)	Soluzzjoni orali biex tingħata fl- ilma tax-xorb	Ħnieżer
Spanja	aniMedica España, S.L.U.Esmeralda, 19 Esplugues de Llobregat (Barcelona) E-08950 Spanja	Colfive, 5,000,000 IU/ml concentrate for oral solution	Colistin sulphate	5 000 000 IU/ml	Konċentrat għal soluzzjoni orali	Frat (għoġġiela), ħnieżer, nagħaġ (ħrief) u tjur
Spanja	BELA-PHARM GmbH and Co. Kg Lohner Strasse 19, D-49377 Vechta II-Ġermanja	BELACOL 24 % Liquid	Colistin sulphate	240 mg/ml	Soluzzjoni orali biex tingħata fl- ilma tax-xorb jew mal-ħalib	Għoġġiela, ħnieżer, tjur

Stat Membru UE/ŻEE	Applikant/Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-Suq	Isem tal-Prodott	INN	Qawwa	Għamla farmaċewtika	Speċijiet tal-annimali
Spanja	LABORATORIOS CALIER, S.A. Barcelonés, 26 Spanja	GANAMIX COLISTINA 15.000.000 UI/ml PREMEZCLA MEDICAMENTOSA	Colistin sulphate	15 M IU/ml	Taħlita lesta għal għalf medikat	Ħnieżer
Spanja	MEVET S.A.U. Pol. Industrial El Segre P. 410 25191 Lérida Spanja	COLIVALL 2.000.000 UI/ml SOLUCIÓN ORAL	Colistin sulphate	2 M IU/ml	Soluzzjoni orali biex tingħata fl-ilma tax-xorb	Għoġġiela, ħrief, ħnieżer, tjur
Spanja	SOGIVAL 200 Avenue de Mayenne zone industrielle des touches 53000 – Laval Franza	Sogecoli 2 000 000 IU/ml concentrate for oral solution for calves, lambs, pigs and poultry	Colistin sulphate	2 M IU/ml	Soluzzjoni orali	Frat (għoġġiela), naghag (ħrief), ħnieżer, tjur (tigieg, wiżż, dundjani, papri, faġani, perniċi, summien u farawni)
L-Isvezja	Bio Vet Aps, Kongevejen 66 3480 Fredensborg, Id-Danimarka	Colicol vet.	Colistin	1 g/g	Granuli għal soluzzjoni orali	Ħnieżer
L-Isvezja	Bio Vet Aps, Kongevejen 66 3480 Fredensborg, Id-Danimarka	Colicol vet.	Colistin	240 mg/ml	Soluzzjoni li tintuża fl-ilma tax-xorb	Ħnieżer
Ir-Renju Unit	Ceva Animal Health Ltd Unit 3, Anglo Office Park White Lion Road, Amersham Buckinghamshire, HP7 9FB Ir-Renju Unit	Colibird Poultry, 2 MIU/ml Solution for Use in Drinking Water	Colistin	2 M IU/ml	Soluzzjoni orali	Tjur

Stat Membru UE/ŻEE	Applikant/Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-Suq	Isem tal-Prodott	INN	Qawwa	Għamla farmaċewtika	Speċijiet tal-annimali
Ir-Renju Unit	Ceva Animal Health Ltd Unit 3, Anglo Office Park White Lion Road, Amersham Buckinghamshire, HP7 9FB Ir-Renju Unit	Coliscour Oral Solution of Colistin Sulphate 2 MIU/ml	Colistin	2 M IU/ml	Soluzzjoni orali	Ħnieżer: b'mod partikulari li qed jitreddgħu u wara l-ftim
Ir-Renju Unit	Divasa - Farmavic S.A Ctra, Sant Hipolit Km71 PO Box 79 08503 Gurb-Vic Barcelona, Spanja	Coliplus 2,000,000 IU/ml Concentrate for Oral Solution for Use in Drinking Water for Cattle, Sheep, Swine and Chickens	Colistin	2 M IU/ml	Konċentrat għal soluzzjoni orali	Frat (għoġġiela), nagħaġ (ħrief), ħnieżer, tigieġ
Ir-Renju Unit	aniMedica Espana, S.L.U, Esmeralda, 19, Esplugues de Llobregat, Barcelona, E-08950, Spanja	Colfive 5,000,000 IU/ml concentrate for oral solution	Colistin sulphate	5 000 000 IU/ml	Konċentrat għal soluzzjoni orali	Frat (għoġġiela), ħnieżer, nagħaġ (ħrief) u tjur
Ir-Renju Unit	Sogeval 200 Avenue de Mayenne Zone Industrielle des Touches 53000 Laval, Franza	Colistin 2 MIU/ml Oral Solution for Calves, Lambs, Pigs and Poultry	Colistin	2 M IU/ml	Soluzzjoni orali	Għoġġiela, ħrief, ħnieżer, tjur

Anness II

Konklużjonijiet xjentifiċi u raġunijiet għall-emenda tas-sommarji tal-karatteristiċi tal-prodott, it-tikkettar u l-fuljetti ta' tagħrif

Sommarju ġenerali tal-evalwazzjoni xjentifika ta' prodotti mediċinali veterinarji li fihom colistin biex jingħataw mill-ħalq (ara Anness I)

1. Introduzzjoni

Colistin sulfate huwa antibijotiku polipeptid li jagħmel parti mill-grupp ta' antibijotiċi polimiksini. Dan il-grupp ta' antibijotiċi għandu struttura polipeptida, b'attività prinċipalment batteriċida u bi spettru antibatteriku medju, li jkopri biss mikroorganiżmi Gram-negattivi.

Prodotti mediċinali veterinarji li fihom colistin bħala l-unika sustanza attiva għall-għoti orali f'annimali li jipproduċu l-ikel, jintużaw b'mod estensiv fi kważi l-Istati Membri kollha tal-UE. Formulazzjonijiet orali ta' colistin, fosthom trab, soluzzjoni, taħlitiet lesti minn qabel, pilloli u pejst ġew awtorizzati, prinċipalment għall-kura ta' gruppi u ta' qatgħat għall-kura u l-prevenzjoni ta' mard gastrointestinali speċifikat differenti kkawżat minn speċi sensitivi għal Enterobacteriaceae (eż. *Salmonella* u *Escherichia coli*), iżda jeżistu wkoll awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq mingħajr indikazzjonijiet aktar speċifiċi. L-aktar speċi fil-mira komuni hija l-ħnieżer segwita mit-tiġieġ u l-frat maġenb speċijiet oħra ta' tjur (eż dundjani), żwiemel, fniek, nagħaġ u mogħoż.

Wara talba mill-Kummissjoni Ewropea (KE), f'Lulju 2013, is-CVMP u s-CHMP adottaw parir xjentifiku u kunsiderazzjonijiet dettaljati dwar colistin¹. Dan il-parir jirrevedi b'mod kritiku informazzjoni riċenti dwar l-użu ta' colistin fl-annimali li jipproduċu l-ikel fl-UE, l-effett tiegħu fuq l-iżvilupp ta' reżistenza għal din il-kategorija ta' aġenti antimikrobiċi fl-ispeċi batteriċi li huma ta' importanza għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali, u l-impatt possibbli fuq is-saħħa tal-bniedem u tal-annimali.

Il-parir jgħid:

"Colistin huwa ta' importanza terapewtika fil-mediċina veterinarja għall-kura ta' mard enteriku f'ċerti speċi li jipproduċu l-ikel li għalihom hemm ftit alternattivi effettivi disponibbli għal ċerti indikazzjonijiet. Attwalent, m'hemm l-ebda evidenza ta' tixrid ta' reżistenza għal colistin minn annimali li jipproduċu l-ikel lil pazjenti umani, jew viċi versa."

"Ma ġiex irrappurtat trasferiment ta' reżistenza jew fuq elementi ġenetiċi mobbli (bħal plasmidi) bejn il-batterji jew mill-annimali għall-bnedmin."

"Madankollu, infezzjonijiet nosokomjali severi minħabba batterji Gram-negattivi reżistenti għal ħafna mediċini (MDR) issa huma responsabbli għal morbidità u mortalità għolja fil-bnedmin. Għalhekk illum il-ġurnata Colistin huwa mediċina tal-aħħar għażla fil-mediċina tal-bniedem fil-kuntest tal-kura ta' infezzjonijiet ikkawżati minn MDR Pseudomonas aeruginosa, Acinetobacter baumannii u Enterobacteriaceae (Escherichia coli, Klebsiella pneumoniae), li għalihom il-mortalità tista' tkun għolja ħafna."

U jikkonkludi li: *"Abbażi ta' evidenza attwali huwa meqjus xieraq li l-użu ta' colistin jinżamm fil-mediċina veterinarja iżda l-indikazzjonijiet għandhom jiġu ristretti għal terapija jew għal metafilassi u li jitneħħew l-indikazzjonijiet kollha għall-użu profilattiku sabiex jiġi minimizzat kwalunkwe riskju potenzjali assoċjat ma' użu usa'."* u li *"L-SPCs ta' prodotti veterinarji li fihom colistin għandhom jiġu riveduti biex jingħata kas bis-sħiħ tal-kunsiderazzjonijiet ta' użu responsabbli."*

¹ Request for scientific advice on the impact on public health and animal health of the use of antibiotics in animals, answer to the first request from the European Commission (EMA/363834/2013)
http://www.ema.europa.eu/docs/en_GB/document_library/Other/2013/07/WC500146812.pdf

Use of colistin products in animals within the European Union: development of resistance and possible impact on human and animal health (EMA/755938/2012)
http://www.ema.europa.eu/docs/en_GB/document_library/Report/2013/07/WC500146813.pdf

Data mill-aħħar rapport tas-Sorveljanza Ewropea tal-Konsum tal-Antimikrobiċi għal Użu Veterinarju (ESVAC)² tal-EMA turi li polimiksini (colistin) jintużaw l-aktar fil-forom orali.

Għal kombinazzjonijiet ta' colistin ma' antimikrobiċi oħra, il-parir jindika wkoll li "*L-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq għal dawn il-prodotti għandhom jiġu riveduti u sakemm ma tkunx tista' tiġi pprovduta ġustifikazzjoni soda li l-kombinazzjoni hija konformi mal-prinċipji ta' użu responsabbli, il-prodotti ta' kombinazzjoni għandhom jiġu rtirati.*"

Għalhekk, fit-12 ta' Mejju 2014, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat lill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini ('l-Aġenzija') notifika ta' riferiment skont l-Artikolu 35 tad-Direttiva 2001/82/KE għall-prodotti mediċinali veterinarji kollha li fihom colistin bħala l-unika sustanza attiva biex jingħataw oralment. Il-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu Veterinarju (CVMP) intalab jagħti l-opinjoni tiegħu dwar il-miżuri li jeħtieġ jittieħdu sabiex jiġi żgurat l-użu prudenti ta' colistin f'annimali li jipproduċu l-ikel madwar l-UE u biex jiġu minimizzati r-riskji potenzjali bl-użu tal-prodotti identifikati; fost oħrajn jekk hemmx il-ħtieġa li fl-informazzjoni dwar il-prodott jiġu inklużi indikazzjonijiet u twissijiet adegwati dwar l-użu prudenti u/jew l-indikazzjonijiet jiġu ristretti għall-prodotti identifikati b'kont meħud tal-linja gwida riveduta tas-CVMP dwar l-SPC għal prodotti antimikrobiċi (EMA/CVMP/SAGAM/383441/2005)³.

Il-kombinazzjonijiet ta' colistin ma' sustanza antimikrobika oħra u l-għoti mhux orali ta' prodotti li fihom colistin jistgħu jiġu indirizzati bħala l-pass li jmiss wara t-tlestija ta' din il-proċedura ta' riferiment. Għandu jiġi nnotat li lieta mill-prodotti fl-Anness I fihom colistin flimkien ma' vitamini. Filwaqt li f'dawn il-każijiet colistin mhuwiex l-unika sustanza attiva, huwa l-uniku antimikrobiku fil-prodott u għalhekk dawn il-prodotti ġew inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-riferiment.

2. Diskussjoni tad-data disponibbli

Indikazzjonijiet

Madwar 54% tal-prodotti kkonċernati b'din il-proċedura fihom indikazzjonijiet ġenerali, filwaqt li l-46% li fadal fihom indikazzjonijiet speċifiċi, l-aktar infezzjonijiet gastrointestinali kkawżati minn Enterobacteriaceae sensitivi għal colistin (eż. *E. coli* u *Salmonella*). Fil-valutazzjoni preċedenti tas-CVMP (EMA/CVMP, 2010)⁴ il-Kumitat ikkonkluda li l-bilanċ tal-benefiċċju-riskju dwar l-użu ta' colistin għall-kura ta' infezzjonijiet gastrointestinali kkawżati minn *Salmonella* spp. kien meqjus negattiv filwaqt li baqa' pożittiv għall-użu ta' colistin għall-kura ta' infezzjonijiet enteriċi kkawżati minn *E. coli* mhux invażiv suxxettibbli għal colistin.

Ġie rakkomandat li *Salmonella* spp. titneħħa peress li ma ġiet ippreżentata l-ebda data klinika, jew id-data klinika ppreżentata kienet limitata ħafna jew mhux konklużiva b'apporto għal din l-indikazzjoni. Barra minn hekk, minħabba l-assorbiment dgħajjef fl-imsaren, colistin se jkun effettiv biss kontra *Salmonella* mhux invażiva li tqiegħed f'dubju l-adeqwatezza tal-użu ta' din is-sustanza għall-kura ta' infezzjonijiet b'*Salmonella*. Barra minn hekk, il-kura ta' infezzjonijiet subkliniċi b'*Salmonella* bil-għan li jitnaqqas l-għadd ta' batterji tista' tinterferixxi mal-programmi ta' kontroll (eż. ir-Regolament 1177/2006; EFSA, 2010⁵) għal din il-marda.

² ESVAC, 2014. 'Sales of veterinary antimicrobial agents in 26 EU/EEA countries in 2012. (EMA/333921/2014) http://www.ema.europa.eu/docs/en_GB/document_library/Report/2014/10/WC500175671.pdf

³ CVMP revised guideline on the SPC for antimicrobial products (EMA/CVMP/SAGAM/383441/2005)

http://www.ema.europa.eu/docs/en_GB/document_library/Scientific_guideline/2010/02/WC500070670.pdf

⁴ EMA/CVMP. 2010. Opinion following an Article 35 referral for veterinary medicinal formulations containing colistin at 2 000 000 IU per ml and intended for administration in drinking water to food producing species.

http://www.ema.europa.eu/ema/index.jsp?curl=pages/medicines/veterinary/referrals/Colistin/vet_referral_000038.jsp&mid=WCOB01ac05805c5170

⁵ EFSA. 2010. EFSA Panel on Biological Hazards; Scientific Opinion on a Quantitative Microbiological Risk Assessment of *Salmonella* in slaughter and breeder pigs In EFSA Journal. <http://www.efsa.europa.eu/en/efsajournal/doc/1547.pdf>

Skont il-linja gwida riveduta tas-CVMP dwar l-SPC għall-prodotti antimikrobiċi (EMA/CVMP/SAGAM/383441/2005)³ l-indikazzjonijiet għandhom ikunu għall-kura ta' patoġeni msemija u għandhom jiġu evitati indikazzjonijiet ġenerali. Għalhekk, kwalunkwe indikazzjoni ġenerali li tirreferi għal mard infettiv jew mhux infettiv għandha titħassar. Barra minn hekk, colistin li jingħata oralment ma jkunx xieraq għal terapija sistemika minħabba l-assorbiment fqir mis-sistema gastrointestinale. Għalhekk, kwalunkwe patoġenu ieħor minbarra *E. coli* mhux invażiv li tipikament mhuwiex assoċjat ma' infezzjonijiet gastrointestinali mhux invażivi, u/jew assoċjat ma' infezzjonijiet ġenerali għandu jitneħħa mill-SPC.

Ħafna mill-formulazzjonijiet ikkonċernati ta' colistin (madwar 90%) huma għall-għoti fl-għalf jew mal-ilma għall-kura ta' grupp jew ta' qatgħa u, konsegwentement, ħafna mill-indikazzjonijiet huma għall-"kura u prevenzjoni", li jfisser sitwazzjoni fejn annimali klinikament morda u annimali f'kontatt preżumibbilment fil-fażi ta' inkubazzjoni, iżda li għandhom ma bdewx juru sinjali kliniċi jiġu trattati fl-istess ħin. Sabiex dawn il-kondizzjonijiet ta' kura jiġu indirizzati b'mod aktar preċiż u biex jiġi eskluż l-użu preventiv ta' rutina f'annimali b'saħħithom fejn il-marda batterika ma ġietx stabbilita fil-grupp jew fil-qatgħa fil-ħin tal-kura, l-indikazzjoni għall-kura ta' grupp jew ta' qatgħa għandha tinbidel għal "kura u metafilassi"⁶. Barra minn hekk, fl-SPC għandu jiġi inkluż parir li qabel kura metafilattika għandha tiġi stabbilita l-preżenza tal-marda fil-grupp jew fil-merħla. Dan huwa konformi mal-valutazzjoni preċedenti tal-CVMP u l-parir xjentifiku lill-Kummissjoni Ewropea.

L-użu ta' colistin għal profilassi mhuwiex konformi mal-prinċipji ta' użu responsabbli. Għalhekk, kwalunkwe indikazzjoni għal profilassi jew għal titjib fil-produzzjoni (eż. żieda fl-effiċjenza tal-għalf jew il-promozzjoni tat-tkabbir) għandha titneħħa mill-SPC, u fl-SPC għandu jiġi inkluż parir li colistin m'għandux jintuża għall-profilassi.

Xi wħud mill-prodotti inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-proċedura ta' riferiment huma indikati għall-użu fiż-żwiemel u, għalkemm mhuwiex iddikjarat b'mod espliċitu fil-letteratura tal-prodott, huwa preżunt li dawn il-prodotti jintużaw b'mod predominanti fil-moħor. L-indikazzjoni salmonellożi m'għadhiex tinżamm u infezzjoni gastrointestinale kkawżata minn *E. coli* (kolibaċillożi) mhijiex marda klinika rikonoxxuta fil-moħor jew fiż-żwiemel adulti. Il-letteratura xjentifika attwali ma tappoġġja l-użu ta' colistin fil-moħor peress li l-użu tiegħu jista' jfixkel il-bilanċ tal-mikroflora fis-sistema gastrointestinale, li jwassal għal kolite assoċjata mal-antimikrobiċi li hija rikonoxxuta sew u fatali, tipikament assoċjata ma' *Clostridium difficile*. Għalhekk, l-użu ta' colistin fiż-żwiemel huwa meqjus li jippreżenta riskju serju fir-rigward tas-sigurtà tal-annimali fil-mira u m'għadux appoġġjat. Iż-"żwiemel" bħala speċi fil-mira u kwalunkwe indikazzjoni għaż-żwiemel għandha titneħħa mill-SPC u fl-SPC għandha tiżdied informazzjoni li l-użu ta' colistin fiż-żwiemel, b'mod partikolari fil-moħor, huwa kontraindikant minħabba l-bidla fil-bilanċ tal-mikroflora fis-sistema gastrointestinale u l-iżvilupp ta' kolite assoċjata mal-antimikrobiċi, tipikament assoċjata ma' *Clostridium difficile*, li tista' tkun fatali.

Tul tal-kura

F'ħafna każijiet id-doża rakkomandata hija ta' 100 000 IU/kg għall-mammiferi (speċi li mhumiex tjur), (firxa ta' madwar 18 000 IU/kg sa 250 000 IU/kg tal-piż tal-ġisem), u ta' 75 000 IU/kg għall-ispeċi tat-tjur (firxa ta' madwar 19 200 IU/kg sa 270 000 IU/kg tal-piż tal-ġisem). Il-perjodu ta' kura rakkomandat huwa simili għall-ispeċijiet tat-tjur u dawk mhux tjur, 3-5 ijiem jew 5-7 ijiem għal ħafna mill-prodotti, iżda għal xi prodotti l-perjodu ta' kura huwa sa 10-15-il jum.

⁶ As defined in Question and answer on the CVMP guideline on the SPC for antimicrobial products (EMA/CVMP/414812/2011-Rev.1).
http://www.ema.europa.eu/docs/en_GB/document_library/Other/2011/07/WC500109155.pdf

Attwalment m'hemm l-ebda ġustifikazzjoni xjentifikament fondata għall-perjodi differenti ta' kura disponibbli. F'konformità mal-prinċipji ta' użu responsabbli, it-tul tal-kura għandu jiġi limitat għaż-żmien meħtieġ għall-kura tal-marda sabiex jiġi evitat kwalunkwe esponiment mhux neċessarju.

Is-CVMP qabel li l-perjodu ta' kura m'għandux jaqbeż 7 ijiem abbażi tar-raġunijiet li ġejjin: L-aktar tul ta' kura komunement rakkomandat għall-prodotti kkonċernati huwa ta' 3 sa 7 ijiem kemm għall-mammiferi u għall-ispeċi tat-tjur, li f'ħafna każijiet dan jindikaw li ġie konkluż li huwa perjodu ta' kura suffiċjenti. Għal mard enteriku kkawżat minn *E. coli* mhux invażiv l-effett tal-kura jista' faċilment jiġi mmonitorjat u, għalhekk, it-tul tal-kura jista' jiġi aġġustat skont il-korsa klinika tal-marda. Minn perspettiva farmakoloġika, colistin jeżerċita attività dipendenti fuq il-konċentrazzjoni u wara l-għoti orali jinkisbu konċentrazzjonijiet għoljin ta' colistin fil-musrana minħabba l-assorbiment fqir tas-sustanza. Għalhekk perjodu massimu ta' kura ta' 7 ijiem jiżgura effikaċja suffiċjenti fil-kura u l-metafilassi ta' mard enteriku assoċjat ma' *E. coli* mhux invażiv u jissodisfa wkoll ir-rekwiżit li jiġi evitat esponiment mhux neċessarju u b'hekk jitnaqqas ir-riskju tal-iżvilupp ta' reżistenza. Bħala konklużjoni s-CVMP irrakkomanda biex fl-SPC jizjed parir li t-tul tal-kura għandu jiġi limitat għaż-żmien minimu neċessarju għall-kura tal-marda, u li t-tul tal-kura m'għandux jaqbeż 7 ijiem. Sabiex tissaħħaħ l-importanza ta' perjodu adegwat ta' kura, il-Kumitat qies li jkun utli għall-veterinarju biex fl-SPC tiżdied informazzjoni rilevanti dwar il-proprjetajiet farmakoloġiċi ta' colistin ("Colistin jeżerċita attività dipendenti fuq il-konċentrazzjoni kontra batterji Gram-negattivi. Wara l-għoti orali jinkisbu konċentrazzjonijiet għoljin fis-sistema gastrointestinali, jiġifieri s-sit fil-mira, minħabba l-assorbiment fqir tas-sustanza. Dawn il-fatturi jindikaw li perjodu ta' kura itwal minn dak indikat, li jwassal għal esponiment mhux neċessarju mhuwiex rakkomandat".)

Prinċipji ta' użu responsabbli

Minbarra l-miżuri deskritti hawn fuq is-CVMP irrakkomanda li jiġu inklużi l-prekawzjonijiet speċjali li ġejjin għall-użu fl-annimali sabiex jiġi żgurat l-użu responsabbli ta' colistin fl-annimali:

"Tużax colistin bħala sostitut għal prattiċi ta' ġestjoni tajba.

Fil-mediċina umana Colistin huwa mediċina li tingħata bħala l-aħħar għażla għall-kura ta' infezzjonijiet ikkawżati minn ċerti batterji reżistenti għal ħafna mediċini. Sabiex jiġi minimizzat kwalunkwe riskju potenzjali assoċjat mal-użu mifrux ta' colistin, l-użu tiegħu għandu jiġi limitat għall-kura jew għall-kura u l-metafilassi ta' mard, u m'għandux jintuża għall-profilassi.

Kull meta jkun possibbli, colistin għandu jintuża biss abbażi ta' ttestjar tas-suxxettibilità.

L-użu tal-prodott li jiddevja mill-istruzzjonijiet mogħtija fl-SPC jista' jwassal biex il-kura ma taħdimx u jżid il-prevalenza ta' batterji reżistenti għal colistin."

3. Valutazzjoni tal-benefiċċju-riskju

Valutazzjoni tal-benefiċċju

Il-prodotti orali ta' colistin fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-riferiment huma mediċini effettivi għall-kura u l-metafilassi ta' mard enteriku kkawżat minn *E. coli* mhux invażiv suxxettibbli għal colistin f'ċerti speċijiet ta' annimali li jipproduċu l-ikel li għalih hemm disponibbli ftit alternattivi effettivi minħabba ż-żieda fl-iżvilupp ta' reżistenza.

Valutazzjoni tar-riskju

Colistin huwa antimikrobiku li jintuża bħala l-aħħar għażla għall-kura ta' infezzjonijiet ikkawżati minn batterji reżistenti ħafna fil-bnedmin, li għalihom il-mortalità tista' tkun għolja ħafna. Attwalment m'hemm l-ebda evidenza li l-użu ta' colistin fi speċi li jipproduċu l-ikel wassal għal reżistenza mifruxa

għal colistin u t-trasferiment tagħha lill-bnedmin. Madankollu, huwa rikonoxxut li l-użu ripetut jew frekwenti ta' antimikrobiku tal-istess klassi iżid ir-riskju tal-iżvilupp ta' reżistenza u ma tistax tiġi eskluża t-trażmissjoni ta' dawn ir-reżistenzi għall-bnedmin. Għalhekk, huwa prudenti li tiġi minimizzata l-possibbiltà li tiġi żviluppata reżistenza għal colistin b'riżultat tal-użu tiegħu fl-annimali u b'hekk titnaqqas ukoll il-possibbiltà li kwalunkwe reżistenza li tiżviluppa tiġi ttrasferita lill-bnedmin.

Il-kwalità, is-sigurtà tal-annimali fil-mira, is-sigurtà tal-utent, ir-riskju ambjentali u r-residwi ma ġewx iġvalutati f'din il-proċedura ta' riferiment.

Miżuri għall-ġestjoni jew għall-mitigazzjoni tar-riskji

Jekk l-użu ta' colistin jiġi limitat għall-kura u l-metafilassi ta' mard enteriku u jekk l-użu tiegħu ma jiġix permess għall-profilassi, dan iwassal għat-tnaqqis tal-użu ġenerali ta' prodotti ta' colistin u, b'hekk, titnaqqas il-pressjoni tal-għażla għar-reżistenza u jkun konformi mal-prinċipji ta' użu prudenti għall-antimikrobiċi. Kwalunkwe esponiment mhux neċessarju għandu jiġi evitat. Jekk it-tul ta' kura f'annimali li jipproduċu l-ikel jiġi limitat għal mhux aktar minn 7 ijiem titnaqqas il-pressjoni tal-għażla għal reżistenza mingħajr ma jitfixkel l-użu effettiv tal-prodotti kontra indikazzjonijiet ġustifikabbli. Barra minn hekk, fil-letteratura tal-prodott għandha tiżdied informazzjoni ulterjuri f'konformità mal-prinċipji ta' użu prudenti għall-antimikrobiċi.

Valutazzjoni tal-bilanċ tal-benefiċċju-riskju

Prodotti orali ta' colistin huma meqjusa mediċini effettivi kontra mard enteriku infettiv ikkawżat minn *E. coli* mhux invażiv suxxettibbli għal colistin f'ċerti speċi li jipproduċu l-ikel. Colistin huwa wkoll antimikrobiku li jintuża bħala l-aħħar għażla għall-kura ta' infezzjonijiet minħabba batterji reżistenti ħafna fil-bnedmin, għalhekk l-użu ġenerali tiegħu fil-mediċina veterinarja jeħtieġ li jiġi mnaqqas, biex jitnaqqas ir-riskju tal-iżvilupp ta' reżistenza u t-trażmissjoni lill-bnedmin. Colistin m'għandux jintuża għall-kontroll ta' salmonellożi peress li mhuwiex konformi mal-programmi ta' kontroll għal din il-marda u jista' jippreżenta riskju għas-saħħa pubblika u tal-annimali. L-użu profilattiku ta' colistin u kwalunkwe użu estiż li mhuwiex konformi ma' prattika veterinarja tajba jippreżenta riskju minn perspettiva ta' reżistenza, u minn perspettiva xjentifika mhuwiex ġustifikabbli.

Konklużjoni dwar il-bilanċ tal-benefiċċju-riskju

Sakemm l-użu profilattiku ta' prodotti orali ta' colistin fi speċi li jipproduċu l-ikel jiġi eskluż mill-indikazzjonijiet, id-dikjarazzjoni dwar is-salmonellożi tiġi mħassra, u l-perjodu massimu ta' kura jiġi ristrett għal 7 ijiem, il-bilanċ tal-benefiċċju-riskju ta' dawn il-prodotti jista' jkompli jitqies bħala pożittiv.

Raġunijiet għall-emenda tas-sommarji tal-karatteristiċi tal-prodott, it-tikkettar u l-fuljetti ta' tagħrif

Billi:

- abbażi tad-data disponibbli, is-CVMP qies li l-indikazzjoni kif ipprovduta fl-Anness III kienet ġustifikata;
- abbażi tad-data disponibbli, is-CVMP qies li t-tul tal-kura għandu jiġi emendat kif deskritt fl-Anness III;
- abbażi tad-data disponibbli, is-CVMP qies li t-tul tal-kura u l-indikazzjonijiet l-oħra kollha għandhom jiġihassru mill-informazzjoni dwar il-prodott;
- abbażi tad-data disponibbli, is-CVMP qies li fl-informazzjoni dwar il-prodott għandhom jiġu inklużi sentenzi ta' twissija f'konformità mal-prinċipji ta' użu responsabbli kif previst fl-Anness III;

- is-CVMP qies li l-bilanċ ġenerali tal-benefiċċju-riskju huwa pożittiv għall-prodotti mediċinali veterinarji (ara Anness I), soġġett għall-emendi fl-informazzjoni dwar il-prodott;

is-CVMP irrakkomanda varjazzjonijiet tal-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq għal prodotti mediċinali veterinarji li fihom colistin biex jingħataw oralment, sabiex jiġu emendati s-sommarji tal-karatteristiċi tal-prodott, it-tikkettar u l-fuljetti ta' tagħrif kif stabbilit fl-Anness III.

Anness III

Emendi fis-sezzjonijiet rilevanti tas-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott, it-tikkettar u l-fuljett ta' tagħrif

Sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott

4.1 Speċijiet fil-mira

Ħassar, fejn applikabbli, "żwiemel".

4.2 Indikazzjonijiet għal użu tal-prodott li jispeċifikaw l-ispeċijiet fil-mira

Ħassar, fejn applikabbli, kwalunkwe indikazzjoni għall-użu profilattiku jew biex titjeb il-produzzjoni.

Għall-prodotti li jingħataw fl-għalf jew mal-ilma (għall-kura ta' grupp/merħla), għandu jiġi ddikjarat "kura u metafilassi", u għandu jiżdied il-parir li ġej:

Qabel il-kura metafilattika għandha tiġi stabbilita l-preżenza tal-marda fil-merħla.

...

L-indikazzjoni hija ristretta għal infezzjonijiet enteriċi kkawżati minn E. coli mhux invażiv suxxettibbli għal colistin. Ħassar, fejn applikabbli, kwalunkwe indikazzjoni ġenerali jew indikazzjoni għal kwalunkwe patoġenu ieħor.

Ħassar, fejn applikabbli, kwalunkwe indikazzjoni għaż-żwiemel.

4.3 Kontraindikazzjonijiet

[Żid, għall-prodotti kollha:](#)

Tużax fiż-żwiemel, b'mod partikolari fil-moħor, peress li colistin, minħabba bidla fil-bilanċ tal-mikroflora fis-sistema gastrointestinali jista' jwassal għall-iżvilupp ta' kolite assoċjata mal-antimikrobiċi (Colitis X), tipikament assoċjata ma' *Clostridium difficile*, li tista' tkun fatali.

...

4.4 Twissijiet speċjali għal kull speċi fil-mira

[Żid, għall-prodotti kollha:](#)

Colistin jeżerċita attività dipendenti fuq il-konċentrazzjoni kontra batterji Gram-negattivi. Wara l-għoti orali jinkisbu konċentrazzjonijiet għoljin fis-sistema gastrointestinali, jiġifieri s-sit fil-mira, minħabba l-assorbiment fqir tas-sustanza. Dawn il-fatturi jindikaw li perjodu ta' kura itwal minn dak indikat fit-sezzjoni 4.9, li jwassal għal esponiment mhux neċessarju, mhuwiex rakkomandat.

...

4.5 Prekawzjonijiet speċjali għall-użu

Prekawzjonijiet speċjali għall-użu fl-animali

[Żid, għall-prodotti kollha:](#)

Tużax colistin bħala sostitut għal prattiċi ta' ġestjoni tajba.

Colistin huwa medċina li tingħata bħala l-aħħar għażla għall-kura ta' infezzjonijiet ikkawżati minn ċerti batterji reżistenti għal ħafna medċini. Sabiex jiġi minimizzat kwalunkwe riskju potenzjali assoċjat mal-użu mifrux ta' colistin, l-użu tiegħu għandu jiġi limitat għall-kura jew għall-kura u l-metafilassi ta' mard, u m'għandux jintuża għall-profilassi.

Kull meta jkun possibbli, colistin għandu jintuża biss abbażi ta' ttestjar tas-suxxettibilità.

L-użu tal-prodott li jiddevja mill-istruzzjonijiet mogħtija fl-SPC jista' jwassal biex il-kura ma taħdimx u jżid il-prevalenza ta' batterji reżistenti għal colistin.

...

4.9 Ammont li jingħata u l-metodu ta' għoti

Ħassar, fejn applikabbli, kwalunkwe rakkomandazzjoni speċifika dwar id-dożaġġ relatata ma' patoġeni minbarra *E. coli*.

Ħassar, fejn applikabbli, kwalunkwe rakkomandazzjoni speċifika dwar id-dożaġġ relatata maż-żwiemel bħala speċi fil-mira.

[Żid, għall-prodotti kollha, il-parir li ġej:](#)

It-tul tal-kura għandu jiġi limitat għaż-żmien minimu neċessarju għall-kura tal-marda.

...

Issostitwixxi, fejn applikabbli, rakkomandazzjonijiet ta' kura li jestendu aktar minn 7 ijiem, jew fejn ma jkun hemm l-ebda rakkomandazzjoni dwar it-tul ta' kura, bid-dikjarazzjoni li ġejja:

Il-tul tal-kura m'għandux jaqbeż 7 ijiem.

...

Rakkomandazzjonijiet speċifiċi ta' kura iqsar minn 7 ijiem għandhom jinżammu.

4.11 Perjodu(i) ta' tiżmim

Ħassar, fejn applikabbli, kwalunkwe referenza għaż-żwiemel.

[Żid, għall-prodotti kollha u emenda fejn applikabbli:](#)

5. KWALITAJIET FARMAKOLOĠIĊI

Grupp farmakoterapewtiku: Antiinfettivi intestinali, antibijotiċi

Kodiċi ATC veterinarju: QA07AA10

5.1 Kwalitajiet farmakodinamiċi

Colistin jeżerċita attività dipendenti fuq il-konċentrazzjoni kontra batterji Gram-negattivi. Wara l-għoti orali jinkisbu konċentrazzjonijiet għoljin fis-sistema gastrointestinali, jiġifieri s-sit fil-mira, minħabba l-assorbiment fqir tas-sustanza.

...

Tikkettar:

5. SPEĊI FIL-MIRA

Ħassar, fejn applikabbli, "żwiemel".

8. PERJODU TA' TIŻMIM

Ħassar, fejn applikabbli, kwalunkwe referenza għaż-żwiemel.

Fuljett ta' tagħrif:

4. INDIKAZZJONIJIET

Ħassar, fejn applikabbli, kwalunkwe indikazzjoni għall-użu profilattiku jew biex titjeb il-produzzjoni.

Għall-prodotti li jingħataw fl-għalf jew mal-ilma (għall-kura ta' grupp/merħla), għandu jiġi ddikjarat "kura u metafilassi", u għandu jiżdied il-parir li ġej:

Qabel il-kura metafilattika għandha tiġi stabbilita l-preżenza tal-marda fil-merħla.

...

L-indikazzjoni hija ristretta għal infezzjonijiet enteriċi kkawżati minn *E. coli* mhux invażiv suxxettibbli għal colistin. Ħassar, fejn applikabbli, kwalunkwe indikazzjoni ġenerali jew indikazzjoni għal kwalunkwe patoġenu ieħor.

Ħassar, fejn applikabbli, kwalunkwe indikazzjoni għaż-żwiemel.

5. KONTRAIKAZZJONIJIET

[Żid, għall-prodotti kollha:](#)

Tużax fiż-żwiemel, b'mod partikolari fil-moħor, peress li colistin, minħabba bidla fil-bilanċ tal-mikroflora fis-sistema gastrointestinali jista' jwassal għall-iżvilupp ta' kolite assoċjata mal-antimikrobiċi (Colitis X), tipikament assoċjata ma' *Clostridium difficile*, li tista' tkun fatali.

...

7. SPEĊI LI GĦALIHOM HUWA INDIKAT IL-PRODOTT

Ħassar, fejn applikabbli, "żwiemel".

8. DOŻAĠĠ GĦAL KULL SPEĊI, MOD(I) U METODU TA' GĦOTI

Ħassar, fejn applikabbli, kwalunkwe rakkomandazzjoni speċifika dwar id-dożaġġ relatata ma' patoġeni minbarra *E. coli*.

Ħassar, fejn applikabbli, kwalunkwe rakkomandazzjoni speċifika dwar id-dożaġġ relatata maż-żwiemel bħala speċi fil-mira.

Issostitwixxi, fejn applikabbli, rakkomandazzjonijiet ta' kura li jestendu aktar minn 7 ijiem, jew fejn ma jkun hemm l-ebda rakkomandazzjoni dwar it-tul ta' kura, bid-dikjarazzjoni li ġejja:

It-tul tal-kura għandu jiġi limitat għaż-żmien minimu neċessarju għall-kura tal-marda. Il-tul tal-kura m'għandux jaqbeż 7 ijiem.

...

Rakkomandazzjonijiet speċifiċi ta' kura iqsar minn 7 ijiem għandhom jinżammu.

10. PERJODU TA' TIŻMIM

Ħassar, fejn applikabbli, kwalunkwe referenza għaż-żwiemel.

12. TWISSIJIET SPEĊJALI

[Żid, għall-prodotti kollha:](#)

Prekawzjonijiet speċjali għall-użu fl-annimali:

Tużax colistin bħala sostitut għal prattiċi ta' ġestjoni tajba.

Fil-mediċina umana Colistin huwa mediċina li tingħata bħala l-aħħar għażla għall-kura ta' infezzjonijiet ikkawżati minn ċerti batterji reżistenti għal ħafna mediċini. Sabiex jiġi minimizzat kwalunkwe riskju potenzjali assoċjat mal-użu mifruż ta' colistin, l-użu tiegħu għandu jiġi limitat għall-kura jew għall-kura u l-metafilassi ta' mard, u m'għandux jintuża għall-profilassi.

Kull meta jkun possibbli, colistin għandu jintuża biss abbażi ta' ttestjar tas-suxxettibilità.

L-użu tal-prodott li jiddevja mill-istruzzjonijiet mogħtija fl-SPC jista' jwassal biex il-kura ma taħdimx u jżid il-prevalenza ta' batterji reżistenti għal colistin.